**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Anna Maria Jimenez**

**Kumpilazzjoni Numru: 776/15**

**Illum, 24 ta' Jannar, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Anna Maria Jimenez detentrici tal-karta tal-identita` numru 420482M akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa Birzebbugia nhar is-16 ta' Settembru, 2015 u fil-granet, xhur u snin ta' qabel ukoll jekk fi zminijiet differenti u li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Dorianne Francalanza ID: 475176M li kienet ilha tghix maghha ghal dawn l-ahhar disa' snin;

   Art. 86, 87(1)(a)(h) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Hebbet ghall Dorianne Francalanza ID:475176M u kkagunatilha griehi ta' natura hafifa;

   Art 221 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Bl-imgieba taghha kkagunat lil Dorianne Francalanza ID:475176M u lil Maria Cini ID:245486M il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrijhom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9;

   Art 251B(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

Illi din il-kawza titratta fuq allegat sekwestru da parti tal-imputata fuq Dorianne Francalanza u biza' fil-konfront taghha u ta' Maria Cini. Inoltre' l-imputata hija akkuzata wkoll li kkagunat griehi hfief fuq l-imsemmija Dorianne Francalanza.

Illi semghet ix-xhieda ta' **PS153 Lydon Zammit** fejn dan spjega li fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax l-Iskwadra tal-Vizzji giet infurmata b'rapport li sar minn mara fuq vjolenza domestika u li kienet qed tinzamm go post minghajr il-volonta' taghha. Jghid illi hu u l-Ispettur Joseph Busuttil marru fl-akkomodazzjoni fejn kienet qed tirresjedi din Maria Cini u hemmhekk qaltilhom li xi erba' (4) jew hames (5) xhur qabel kienet toqghod ma' certa Anna Maria Jimenez Birzebbugia biex ikollha saqaf fuq rasha bil-patt li kienu ser jaqsmu l-ispejjez. Hi qaltilhom li wara l-affarijiet daru fis-sens illi l-imputata bdiet iggieghelha tibda thallas l-ispejjez kollha hi u spjegat li l-paga ta' Cini kienet tidhol go *Cashlink* li kienet qed tinzamm mill-imputata. Qalet ukoll illi meta marret tghix hemm l-imputata kienet qasmitilha *sim card* li hija kellha. Qalet ukoll illi fl-istess residenza kien hemm ukoll mara ohra vulnerabbli cioe' Dorianne Francalanza li kienet qed

tghix fi stat hazin tant li skont hi kienet qed tinzamm mill-imputata imsakkra ghal hin twil.

Ix-xhud jghid ukoll illi meta marru jesegwixxu mandat ta' tfittxija u arrest fir-residenza tal-imputata sabu lill-istess imputata flimkien ma' Dorianne Francalanza fil-kcina mdawwra b'numru ta' pupi tal-*Playmobil* fejn din kienet qed tghaqqadhom. Huwa jghid illi d-dehra generali tal-post kienet wahda pjuttost dizorganizzata izda mhux li tghid mahmuga. Innota wkoll illi fejn kienet torqod l-istess Dorianne ma kienx hemm dawl u kien hemm riha qawwija ta' hmieg tal-klieb fejn fil-fatt instabu xi eskrementi fejn fil-fatt kien hemm xi klieb imsakkrin f'din il-kamra. Jghid illi f'din il-kamra kien hemm ukoll xi basktijiet mal-art b'xi hwejjeg ta' Dorianne. Jghid illi fit-tfittxija sabu din il-*Cashlink* li kienet semmiet Maria Cini fuq il-persuna tal-imputata u cekk tas-Sigurta' Socjali li kien jappartjeni lil Dorianne Francalanza. Kien hemm ukoll xi rcevuti ta' gbid ta' flus mill-*Cashlink* mill-karta ta' Maria Cini izda l-imputata kienet qaltilhom li dan kienet taghmlu bil-kunsens tal-istess Cini.

Xehdet ukoll **Maria Cini** li kkonfermat ir-rapport li kienet ghamlet mal-pulizija fejn din spjegat illi wara li saret taf lill-imputata din kienet ipproponitilha sabiex tmur tghix maghha u b'hekk jaqsmu l-ispejjez. Hija tghid illi l-imputata sahansitra sabitilha xoghol Mater Dei bhala *cleaner*. Hija tghid illi mat-tieni paga bdiet taghtiha nofs il-kera u cioe' mija u hamsin ewro (€150). Imbaghad gara li darba wahda haditilha l-*Cashlink Card* li kienet fuq isem ommha ghaliex dejjem kienet theddidha li kienet ser titfaghha 'l barra u li kienet ser tkecciha mix-xoghol u ghalhekk kienet tibza'. Dan sar ghall-habta ta' Mejju. Hija tghid illi baqghet tghix hemmhekk ghall-ewwel hames (5) xhur li kienet bdiet tahdem u mbaghad ghamlet il-kuragg titlaq u tirraporta wara li kienet fethet qalbha ma' xi hbieb fosthom wahda li jisimha Rodianne. Fuq mistoqsija min-naha tal-prosekutur ix-xhud qalet illi fir-residenza kienu jghixu hi, l-imputata u l-*partner* taghha Noel. Kien ikun hemm Dorianne li kienet tkun dejjem imsakkra gol-kamra taghha u meta kienet tkun tixtieq tifthilha, l-imputata kienet tghidilha li jekk tifthilha jkun hazin ghaliha. Hija tghid illi c-cwievet tal-bieb tal-kamra ta' Dorianne kienu jkunu mwahhla mal-bieb taghha fuq in-naha ta' barra. Din tghid illi Dorianne kienet tkun imsakkra ma' zewgt iklieb u bla dawl. L-imputata kienet tghidilha *"qis li jkollha*

*kullimkien imsakkar"*. Hija tghid illi fil-kamra Dorianne kellha barmil biex tahsel il-kamra u biex taghmel il-bzonnijiet taghha wkoll. Hija tghid ukoll illi kienet tibda xoghol fis-siegha sas-sebgha ta' filghaxija mbaghad kienet issajjar ghaliha u ghal Dorianne. Tghid illi l-imputata kienet tispicca fis-saghtejn ta' wara nofsinhar. Hija tghid illi kienet ittiha tiekol fil-kamra taghha mbaghad kienu joqghodu jaghmlu l-pupi sa xi l-erbgha ta' filghodu. Tghid illi xi kultant l-imputata kienet taghti daqqa ta' harta lil Dorianne meta per ezempju tqabbadha tfittxilha xi haga u ma ssibhiex. Tghid illi kien hemm gimgha li l-imputata kienet marret Ghawdew mal-*partner* taghha u kienet izzomm lil Dorianne maghha. Hija qalet illi cavetta tal-bieb ta' barra qatt ma' kellha fil-pussess taghha.

Xehdet <u>**Dorianne Francalanza**</u> illi qalet illi meta ltaqghet mal-imputata u saru hbieb, din staqsietha sabiex tmur tghix maghha. Tghid illi l-ewwel kienu joqghodu go post qadim Birzebbugia mbaghad marru joqghodu go post iehor f'Birzebbugia stess. Tghid illi fil-post il-qadim damu jghixu xi sitt (6) snin. Hemmhekk tghid illi hija ma kinitx tahdem izda kienet tibqa' d-dar tnaddaf fejn l-imputata kienet xi daqqiet issawwatha ghall-ebda raguni. Tghid illi

f'din id-dar hija kienet torqod fuq is-sufan u l-imputata fil-kamra tas-sodda. Hija tghid ukoll illi hemmhekk hija ma kinitx tissakkar izda qatt ma kienet tohrog ghaliex ma kellhiex cavetta tad-dar. Tghid illi fil-post il-qadim ix-xhud kienet tghin fil-kera fejn kienet ittiha r-*relief* kollu u cioe' tmienja u sebghin ewro (€78). Tghid illi f'dan il-post kienu joqghodu hi, Anne Marie, Noel u xi kultant omm Anne Marie.

Illi fil-post il-gdid ix-xhud tghid illi Anne Marie bdiet issakkarha fil-kamra taghha ma' zewgt iklieb. Tghid illi ghal xi hames (5) xhur kien hemm ukoll Maria Cini tghix maghhom. Tghid illi l-kamra taghha kienet kbira gmielha u fiha ma kellhiex gwardarobba izda kellha sodda u bicca mejda. Tghid illi fil-kamra kien hemm riha tinten qawwija minhabba li l-klieb ta' sikwit kienu jaghmlu l-bzonnijiet taghhom fil-kamra. Tghid illi gieli Anne Marie kienet taghtiha barmil bl-ilma biex tnaddaf izda ma tantx kienet taghmel differenza. Dan il-barmil kien jintuza wkoll biex hi taghmel il-bzonnijiet taghha. Hija tghid illi l-bibien tal-gallarija li kellha fil-kamra kif ukoll il-bieb tal-kamra taghha kienu jkunu msakkrin lejl u nhar.

Tghid illi kulljum meta hi kienet tqum ma kinitx tiehu kolazzjon hlief xi ftit ilma, Anne Marie kienet tghidilha biex tohrog il-klieb u terga' tidhol immedjatament wara li ddur mad-dawra tal-blokka. Wara kienet terga' tidhol fil-kamra taghha mal-klieb u Anne Marie kienet terga' ssakkarha. Tghid illi din bdiet tissakkar ghal madwar xi erba' (4) snin u nofs qabel. Tghid illi f'xis-siegha ta' wara nofsinhar kienet tisma' lil Noel izda dan la kien jifthilha u wisq anqas ikellimha. Wara nofsinhar kienet tigi Anne Marie fejn ghal darb'ohra kienet tghidilha biex tohrog il-klieb biex imbaghad terga' ssakkarha. Tghid illi hija kienet tiekol biss darba f'gurnata u cioe' fil-ghaxija naqra fit-tard fil-kamra taghha. Tghid illi Anne Marie kienet tghidilha illi jekk ma tlestix il-pupi tal-Playmobil li kienet taghmel kulljum, hija ma kinitx ser ittiha tiekol. Hija qatt ma rat flus minn dawn il-pupi. Tghid illi biex issarraf ic-cekk tar-*relief* kienet tohodha maghha mbaghad ittiha l-flus. Tghid illi meta Maria kienet fethet qalbha wara hi u Maria kienu haduhom go xelter. Tikkonferma li kemm-il darba Anne Marie sawwtitha anke bi *squeezer*.

Fuq domandi inkontroezami hija stqarret illi hija kienet tirregistra ghax-xoghol anke meta hija kienet tkun maqfula u dan kien jigri

billi Anne Marie jew ommha kienu johduha. Ikkonfermat ukoll illi xi kultant kienet tohrog tixtri ghand il-*grocer* vicin taghhom. Tghid illi xi kultant kienet issajjar ghaliha u kienet tieklu fil-kcina wehidha. Tghid illi hija kienet tmur ukoll xi darba f'gimgha il-*bingo* Rahal il-Gdid ma' Anne Marie. Fuq domanda ohra hija tghid illi kienet ilha ma tara lil mama' taghha ghal xi disa' snin izda fuq domanda partikolari qalet li xi sena qabel kienet marret ghand ommha mal-istess Anne Marie. Hija kkonfermat ukoll illi meta kienet tkun hemm Anne Marie kienet gieli tohrog sabiex taghmel il-pupi fil-kcina fejn propju kienu sabuha l-pulizija. Hija kkonkludiet li qatt ma harbet ghaliex l-imputata kienet dejjem tigi tfittixha jew tghassilha meta din kienet tkun barra.

Xehdu membri tal-Agenzija Appogg u cioe' <u>**Daniela Darmanin**</u> u <u>**Yvonne Pisani**</u> li kkonfermaw ir-rapport li kienet ghamlet Maria Cini.

Xehed ukoll <u>**Michael Carachi**</u> li kkonferma li Anna Maria Jimenez kienet registrata mal-Playmobil u kienet tiehu mal elfejn (2,000)

pupu kulljum. Il flus kienu jithallsu lilha u pprezenta dokumenti li jikkorraboraw dan il-fatt.

Xehdet Joanna Bartolo mill-Bank of Valletta li pprezentat *statement* tal-kont f'isem Marlene Darmanin (Dok. JB1).

Xehed ukoll Joseph Chircop mid-dipartiment tas-sigurta' socjali fejn esebixxa dokument JC1 li juri x'kienet taqla' Dorianne Francalanza bhala *relief*.

Finalment semghet lill-espert tal-Qorti Dr. Steven Farrugia Sacco fejn dan kien gie nominat sabiex jezamina c-cellulari tal-imputata fejn wara li din ghaddietlu l-*passcode* dan xorta wahda ma nfetahx. Illi gie nominat ukoll jezamina *sim card* huwa pprezenta r-rapport tieghu b'din l-informazzjoni (Dok. SFS1).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet inkluz in-nota ta' sottomissjoni ulterjuri tad-difiza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel punt imqajjem mid-difiza kienet l-ammissibilita' tal-istqarrija tal-imputata Anna Maria Jimenez stante li meta ttiehdet ma kinitx inghatat id-dritt li jkollha avukat fil-prezenza.

Illi din il-Qorti tinnota illi l-prova kif tirrikjedi l-ligi li l-imputata ma nghatatx id-dritt li jkollha l-avukat prezenti ma ngabitx u dan peress illi ghal xi raguni l-ufficjal prosekutur ma xehedx f'dawn l-atti u d-difiza qatt ma talbet li din il-kwistjoni tigi ccarata. Illi din il-Qorti ma tistax tiddeduci certi affarijiet ghaliex f'dawk iz-zminijiet li ttiehdet l-istqarrija tal-imputat ma kienx jinghata dan id-dritt mela ghandha tiehdu bhala ben fatt. Fil-proceduri kriminali ghandu jkun hemm prova cara u nkonfutabbli ta' dak li qed jigi allegat.

Illi madanakollu u minghajr pregudizzju ghal dak li nghad fil-paragrafu precedenti, din il-Qorti kemm-il darba kellha l-okkazzjoni li tiddeciedi fuq l-ammissibilita' o meno ta' stqarrijiet.

Illi fil-kawza tal-Qorti Ewropea bl-ismijiet **Beuze vs Belgium** li giet deciza mill-Appell fejn il-Grand Chamber pprovdiet lista ta' kriterji cari u t-testijet mhux ezawrenti li kellhom isiru tas-sistema sabiex wiehed jasal ghad-decizjoni jekk hemmx lezjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq. Illi wara Beuze inghatat is-sentenza ta' **Farrugia vs Malta** li addottat it-test stabbilit f'Beuze u fejn il-Qorti Ewropea osservat li l-fatt li kien hemm nuqqas sistematiku peress li fil-mument li ttiehdet l-istqarrija ta' Farrugia l-ligi ma kinitx tipprovdi ghall-assistenza ta' avukat lanqas qabel ma ttiehdet l-istqarrija ma wassalx ghall-lezjoni u dan stante li xorta kien inghata garanziji ohra ezistenti fis-sistema Maltija b'dana li ghaddiet mit-test tal-overall fairness tal-proceduri.

Illi certament b'Farrugia v. Malta ghandna pronunzjament li jirreferi specifikatament u b'mod espress ghas-sistema applikabbli f'Malta u li ghalhekk hemm certifikat ta' konformita' mal-garanziji ta' dritt ta' smigh xieraq mahrug mill-Qorti Ewropea. Illi f'dan ir-rigward, issir referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**, fejn gie kkonfermat li meta jsir ezami dwar l-ammissibilita' tal-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza

Beuze vs. Belgium fejn din stabbiliet li jrid isir ezami tal-kumplament tal-proceduri, b'relazzjoni mal-*overall fairness* tal-istess proceduri hekk kif rifless ukoll fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Marzu 2020 fuq tali nsenjament fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**.

Fil-gurisprudenza ndikata iktar 'il fuq, ma jistax ma jigix innutat li filwaqt li certu sentenzi jenfazizzaw l-inammisibilta ta' stqarrija, meta susspetat ma kienx akkumpanjat mill-avukat tieghu fil-hin tal-interrogazzjoni, stante li difett bhal dan ma jistax jigi sanat, sentenzi ohrajn itennu illi sempliciment ghax suspettat ma jkunx akkumpanjat mill-avukat tieghu fil-hin tal-interrogazzjoni ma ghandux awtomatikament ifisser li l-istqarrija li hu jkun irrilaxxa hija inammissibli u ghaldaqstant tali proceduri ghandhom jigu evalwati fit-totalita' taghhom u jittiehed kont tal-'overall fairness' tal-istess proceduri.

Illi f'dawn il-proceduri jinghad illi l-imputata nghatat id-dritt li tikkonsulta ma' avukat ta' fiducja taghha qabel l-interrogazzjoni, liema dritt hija rrifjutat. Illi hija wiegbet ghall-mistoqsijiet kollha

maghmula lilha b'certa facilita' u sahansitra ffirmat tali stqarrija. Illi fl-ebda stadju hija ma kienet f'diffikulta' jew kien hemm xi hjiel li hi ma kinitx qed tifhem jew kellha xi mpediment mentali jew psikologiku.

Illi l-istqarrija tal-imputata tinkwadra perfettament max-xhieda ta' Dorianne Francalanza u Maria Cini u ghalkemm id-difiza talbet sabiex din l-interrogazzjoni tigi sfilzata mill-atti, din il-Qorti thoss illi l-process li ghaddiet l-imputata kien wiehed ta' *overall fairness* tant li ghalhekk ma thossx li ghandu jigi sfilzat.

Illi di piu' din il-Qorti thoss ukoll illi fil-mertu ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-veracita' tax-xhieda tal-istess Dorianne Francalanza u Maria Cini tant li dawn kienu konsistenti ma' xulxin u ghalhekk l-istqarrija tal-imputata tikkorrabora l-fatt li dawn il-fatti verament graw.

**Ikkunsidrat:**

Illi x-xhieda ta' Dorianne Francalanza u Maria Cini ghandhom mis-sewwa u li ghalhekk l-imputata kienet issakkar lill-parte civile Dorianne Francalanza ghal numru ta' sieghat fil-gurnata u li kienet thalliha f'sitwazzjoni igenika prekarja. Il-fatt illi din kienet tithalla tohrog il-kelb jew li tmur tixtri xi daqqiet ma jbiddel xejn. Illi hareg car ukoll illi sija Dorianne Francalanza kif ukoll Maria Cini kienu jibzghu mill-imputata tant li dejjem kienu jmorru lura d-dar fejn kienet tirrisjedi l-imputata ghaliex hi dejjem kienet tbezzaghhom illi kienet ser tkeccihom mid-dar jew mix-xoghol jew li kienet ittihom xi daqqa.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza pero' jinghad illi gialadarba ma gewx ipprezentati l-ebda certifikat mediku li jippruvaw xi griehi ma tistax tinstab htija fuq din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 86, 87 (1)(a)(h), 202 (h)(v) u 251 B(1), qed issib lill-imputata **Anna Maria Jimenez** hatja tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannaha ghal

sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin filwaqt li tilliberaha fuq it-tieni (2) akkuza stante li ma gietx ippruvata.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputata qed tigi kkundannata ghall-hlas tal-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal tliet mija u ewro u wiehed u sittin centezmu (€301.61c).

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**